MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 59/2013

**AB**

***vs***

**L-Avukat Dr Mark Busuttil u il-PL Hilda Ellul Mercer b'digriet tat-22 ta' Mejju 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti CB**

Il-Qorti:

Rat ir-ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li in forza tieghu ippremettiet:

1. Illi hija zzewwget lill-intimat CD, bin XY u SZ detentur tal-karta ta' l-identita numru 14095M fil-Parocca ta' Santa Venera nhar il-wiehed ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1/9/1991) hpermezz ta' cerimonja religjuza; (Certifikat taz-zwieg anness Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla li twieldet fis-sebgha ta' Lulju tas-sena elf disa mija u tnejn u

disghin (1992) u li ghalhekk illum il-gurnata hija maggorenni; (Kopja tac-certifikat tat-twelid annessa Dok B);

3. Illi fis-sena elfejn u erbgha (2004) l-intimat kien stqarr mar-rikorrenti li xtaq immur izur il-familjari tieghu gewwa l-Egittu. Fit-tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (12/5/2004) ir-rikorrenti kienet akkompanjat lill-intimat flimkien ma missierha u mat-tifla taghha fl-ajruport ta' Malta sabiex isiefer lejn l-Egittu. Fil-fatt dakinhar l-intimat kien siefer lejn l-Egittu;

4. Illi minn meta siefer l-intimat qatt ma rega' ghamel kuntatt mar-rikorrenti jew mat-tifla tieghu;

5. Illi minn dakinhar ghaddew aktar minn tmien snin u ghalhekk ma hemm l-ebda tama jew ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi r-rikorrenti qieghda tirrinunzja ghall-manteniment minghand zewgha;

7. Illi dan l-istat ta' fatti jirrizultaw mix-xiehda tar-rikorrent hawn annessa u mmarkata 'Dok C', kif ukoll mid-dokumenti li gew sottomessi lid-dipartiment tat-Taxxa hawn annessi u mmarkati Dok "D";

8. Illi ma hemm l-ebda kuntratt jew sentenza fuq il-firda tal-partijiet u ghalhekk bejn ir-rikorrenti u l-intimat ghad hemm l-komunjoni ta' l-akkwisti;

9. Illi bhala assi fil-komunjoni ma hemm xejn;

10. Illi meta izzewgu il-partijiet marru joqghodu mal-genituri tar-rikorrenti fid-dar taghhom u hekk baqghu sal-gurnata meta l-intimat iddecieda li jabbanduna lill-martu kif ukoll lill-bintu minghajr raguni;

11. Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

12. Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia P;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tigi xolta il-kommunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;

2. Jigi mahlul iz-zwieg taghha minn ma CD u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi;

3. Jigi ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku, u
4. Terga tirriverti ghal kunjom xbubitha ossija P;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati illi giet ikkonfermat minnhom bil-gurament, li in forza taghha eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti bil-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw li jipprezentaw risposta motivata kif u meta l-esponenti jigu edotti mill-fatti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Mejju, 2013;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Imhallef Robert Mangion tal-25 ta' Novembru, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin u ghaddew ukoll mill-process ta' medjazzjoni;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi hija irrinunzjat ghall-manteniment minghand zewgha;

Il-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti biex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Debattista u qeghda tilqa ukoll din it-talba;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet kollha, ixxolji il-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, ixxolji ukoll iz-zwieg ta' bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------